TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 126/16/GB

**Francis Bonavia**

**vs**

**GO p.l.c.**

Illum 7 ta' Settembru 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Gunju, 2016 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni fl-ammont ta' mija u tletin Ewro (€130.00), rapprezentanti l-ispejjez li kellu jhallas lil terza kumpanija sabiex jissewwa l-hsara li sar fuq *television*, liema hsara gie kkagunat minhabba nuqqas ta' kapacita' da parti tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qed jitlob l-ispejjez ta' hsara ta' *television*, li sar fin-nuqqas ta' kapacita'tas-socjeta' ntimata fuq xoghol li sar biex huwa jaqleb minn GO ghal sistema tal-*interactive*.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Fl-ewwel lok, jinkambi fuq ir-rikorrent li jispjega u jiggustifika t-talba tieghu, inkluz l-ammont minnu mitlub, u dan anke permezz ta' dokumenti li fuqhom qed jibbaza t-talba tieghu;

2. Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tas-socjeta' ntimata ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa żewġ dokumenti li jirrappreżentaw l-ammont tat-talba tiegħu ta' mija u tletin Ewro (€130.00) u cioe', hamsa u tletin Ewro (€35.00) li hallas lil terza kumpanija sabiex tigbor it-*television* in kwistjoni u hamsa u disghin Ewro (€95.00) li hallas lill-istess terza kumpanija għax-xogholijiet ta' tiswija, liema dokumenti gew immarkati bħala Dok.FB1 u Dok.FB2; flimkien ma' dokument iffirmat minnu stess, wara li saret l-istallazzjoni tal-*interactive box*, li giet immarkat bħala Dok.FB3.

Xehed Dylan Balzia, prodott mir-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Xehed Omar Orsisni, prodott mis-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**